**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tal-4 ta' Mejju, 2001.**

**Citazzjoni numru 560/01GC**

**Schembri Import & Export Limited**

**VS.**

**Super Master Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici, wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta tiggestixi s-Super Master Discount Store ta' Mriehel By Pass, Mriehel;

Illi is-socjeta konvenuta hija veru, cert, u likwidu debitrici a favur tas-socjeta attrici fis-somma ta' elfejn mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu u seba millezmi (Lm2255.20,7) rapprezentanti merkanzija ta' "biscuits and baker's ware" u "crisps" li giet mibjguha u konsenjata mis-socjeta attrici lis-Super Master Discount Store, u dan skond ma jirizulta mill-anness prospett markat Dok. A;

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata biex thallas izda baqghet inadempjenti;

Illi s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talbiet tas-socjeta attrici ai termini tal-Artiklu l67 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-Artikli 167-170 tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikkjara lis-socjeta konvenuta bhala veru, cert u likwidu debitrici a favur tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' elfejn mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu u seba millezmi (Lm2255.20,7)dovuti kif hawn fuq spjegat oltre l-imghaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sad-data tal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu u seba' millezmi (LM2255.20,7) dovuti kif inghad hawn fuq.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqhet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socejta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur